



2024/1565

27.6.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 8/2024**

**tat-2 ta' Frar 2024**

**li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/1565]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1042 tal-26 ta' Mejju 2023 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwi għall-folpet f'ċerti prodotti jew fuqhom <sup>(1)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1049 tat-30 ta' Mejju 2023 li jemenda l-Annessi II u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għaż-żejt tal-ħuta, għall-pendimetalina, għax-xaħam tan-nagħaġ u għall-ispirotetramat f'ċerti prodotti jew fuqhom <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1068 tal-1 ta' Ġunju 2023 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwi għaċ-ċijantraniliprole f'ċerti prodotti jew fuqhom <sup>(3)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1069 tal-1 ta' Ġunju 2023 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-biksafen, għaċ-ċiprodinil, għall-feneżammid, għall-fenpikossammid, għall-fenpirossimat, għall-flutjanil, għall-isoksaf lutol, għall-mandipropammid, għall-metossifenożid, u għas-spinetoram f'ċerti prodotti jew fuqhom <sup>(4)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali fl-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (6) Jenħtieġ għalhekk, li l-Annessi I u II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiżi li ġejjin jiżiedu fil-punt 40 (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

- **32023 R 1042:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1042 tal-26 ta' Mejju 2023 (ĠU L 140, 30.5.2023, p. 37),
- **32023 R 1049:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1049 tal-30 ta' Mejju 2023 (ĠU L 141, 31.5.2023, p. 1),

<sup>(1)</sup> ĠU L 140, 30.5.2023, p. 37.

<sup>(2)</sup> ĠU L 141, 31.5.2023, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 143, 2.6.2023, p. 27.

<sup>(4)</sup> ĠU L 143, 2.6.2023, p. 40.

- **32023 R 1068:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1068 tal-1 ta' Ġunju 2023 (ĠU L 143, 2.6.2023, p. 27),
- **32023 R 1069:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1069 tal-1 ta' Ġunju 2023 (ĠU L 143, 2.6.2023, p. 40)."

#### Artikolu 2

L-inċiżi li ġejjin jiddiedu fil-punt 54zzy (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

- “- **32023 R 1042:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1042 tal-26 ta' Mejju 2023 (ĠU L 140, 30.5.2023, p. 37),
- **32023 R 1049:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1049 tal-30 ta' Mejju 2023 (ĠU L 141, 31.5.2023, p. 1),
- **32023 R 1068:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1068 tal-1 ta' Ġunju 2023 (ĠU L 143, 2.6.2023, p. 27),
- **32023 R 1069:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1069 tal-1 ta' Ġunju 2023 (ĠU L 143, 2.6.2023, p. 40)."

#### Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2023/1042, (UE) 2023/1049, (UE) 2023/1068 u (UE) 2023/1069 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

#### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Frar 2024, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

#### Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2024.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Nicolas VON LINGEN

---

(\*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.